13 ta' April 2016

Is-Sur Reno Bugeja
Editur tal-Aħbarijiet
PBS
Triq San Luqa
Gwardamanġa

Sur Bugeja,

Nirreferi għall-bulettin tal-aħbarijiet ta' nhar it-Tnejn 11 ta' April 2016, li naqas milli jirraporta dak li qal l-eks Prim Ministru u eks Mexxej Laburista Alfred Sant dwar l-iskandlu tal-kumpaniji sigrieta fil-Panama.

Nhar it-Tnejn li għadda, Alfred Sant, li bħalissa jokkupa l-kariga ta' MEP u Kap tad-Delegazzjoni tal-Partit Laburista fil-Parlament Ewropew, qal bl-aktar mod kategoriku li fid-dawl tal-involviment tiegħu fl-iskandlu tal-kumpaniji sigrieti fil-Panama, l-Ministru u Deputat Mexxej Laburista Konrad Mizzi għandu jirriżenja.

Din id-dikjarazzjoni ġiet irrappurtata bi prominenza fil-ġurnali kollha indipendenti f'pajjiżna, ħlief għall-istazzjon nazzjonali. Fl-opinjoni tiegħi, din l-aħbar kien jeħtiġilha rapportaġġ immedjat u tempestiv, u dan tabilħaqq kif diġà ġie kkonfermat f'deċiżjoni riċenti tal-Awtorità tax-Xandir.

F'dan id-dawl, filwaqt li qed nikkopja lill-Awtorità tax-Xandir, qed nitlob spjegazzjoni għan-nuqqas ta' immedjatezza u tempestiva da parti tal-istazzjon nazzjonali.

Inselli għalik,

Matthew Bonett
Direttur Informazzjoni

Dar Ċentrali Partit Nazzjonalista, Triq Herbert Ganado, Pietà. PTA 1450
tel: 21243641 • email: pn@pn.org.mt • web: www.pn.org.mt • facebook: /partitnazzjonalista